# Il-Pellegrinaġġ li kien sar bl-istatwa u l-Kwadru titulari tal-Kunċizzjoni

— *Kitba tal-Kan. Prep. Joseph Bonello* —

■ **MARIJA IMMAKULATA DEJJEM ТĦARISNA huwa l-motto tal-festi speċjali li qegħdin isiru f'Bormla, u bir-raġun, għax mhux il-Bormliżi biss, iżda l-Maltin kollha dejjem ħarsu lejn il-Madonna u sabu fiha l-Vera Omm li dejjem ħarsithom minn kull għawġ u taħwid.**

Infatti, jekk inqalbu folja, folja l-istorja ta' din l-Art Ħelwa li tatna isimha, insibu li tassew, waqt li l-Maltin dejjem aċċetttaw lil San Pawl bħala missierhom, hekk ukoll aħna u missirijietna dejjem ħarisna lejn Marija bħala l-**Omm għażiża tagħna l-Maltin.**

Kien xieraq għalhekk li fuq l-eqdem Santwarju Marjan jinkiteb "Fik temgħu missirijietna, fik temgħu u Inti ħlisthom".


Il-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni.

## IL-WEGĦDA

Din il-protezzjoni Marjana dehret iktar b'mod speċjali fl-aħħar gwerra dinjija, meta ċ-ċkejkna Malta rnexxielha tirreżisti assedju hekk aħrax u twil. F'din il-gwerra qalila, Bormla kienet fuq quddiem. Ma l-ewwel ġurnata tal-gwerra, 11 ta' Ġunju, 1940, f'Bormla ġġarraf il-bini u mietu n-nies.

Dan qajjem biża kbir li ġiegħel lill-Bormliżi jibdew jitilqu minn djarhom u jfittxu rifuġju f'inħawi oħra ta' Malta. Ftit nies baqgħu Bormla, u meta l-Kapitlu ra lill-Knisja Parrokkjali mhedda kontinwament, iddeċieda li jieħu l-Istatwa u l-Kwadru tal-Kor għall-kenn f'Birkirkara.

L-attakki fuq Bormla żdiedu u meta l-gwerra kienet fl-aqwa tagħha, bħala knisja nqdew b'kamra fil-Mina ta' Għajn Dwieli: kienu l-Kanonċi Dun Ġużepp Cassar (Ta' Xandru) u Dun Edward Zerafa li baqgħu Bormla jgħinu kif jistgħu u jamministraw is-Sagramenti lil ftit Bormliżi li baqgħu Bormla.

Kibret il-biża' li l-knisja tiġġarraf u għalhekk il-Kapitlu għamel laqgħa straordinarja u fuq proposta tal-**Kantur Dun Franġisk Casha,** għamel wegħda li jekk il-knisja tkun imħarsa mill-qilla ta' l-għadu, jittrasportaw il-Kwadru u l-Istatwa f'Pellegrinaġġ devot u bil-mixi minn B'Kara sa Bormla. Dan kien ikkonfermat b'digriet ta' l-Arċisqof Dom Mauro Caruana fid-29 ta' Lulju 1941.

## IL-MIRAKLU TAL-MADONNA

Ix-xita ta' bombi kompliet tiżdied u fil-Kottonera kienet qed issir ħerba sħiħa; intlaqtet il-Bażilika sabiħa ta' l-Isla; tfarrak it-Torri famuż tal-Arloġġ tal-Birgu; iġġarfet il-knisja tal-Lunzjata u sofriet ħsara kbira l-knisja ta' San Lawrenz.

F'Bormla ntlaqtet il-knisja ta' San Ġwann t'Għuxa, il-knisja ta' San Pawl u l-Knisja u l-Kunvent tat-Tereżjani. Tipi differenti ta' bombi ntefgħu madwar il-knisja u għamlu ħerba sħiħa.

Tlett bombi marbutin ħabtu mal-gwarnic tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira, iżda ġarrfu biss xi bini ħdejn il-knisja. **Fost tant rovina u qalb din il-ħerba kollha, baqa' sħiħ jiddomina dan is-Santwarju, Tempju ta' l-Immakulata.** Għalina li nemmnu dan kien **miraklu.**

Il-Madonna semgħet it-talb tagħna, għaliex waqt li l-Kottonera saret ħerba waħda, it-Tempju tal-Kunċizzjoni baqa' sħiħ fost tant rovini. **Kienet il-Madonna li ħarsitu, "aħna Ċerti" Marija Immakulata dejjem tħarisna.**

F'dan iż-żmien ta' biżà l-Bormliżi qatt ma nsew lill-Madonna u xorta waħda, għalkemm ma setgħux jinġabru f'Bormla, fit-8 ta' Diċembru taż-żmien tal-gwerra, kienu jinġabru xorta waħda ġo B'Kara fejn fiż-żmien 1941, 1942, 1943 kienu joħorġu l-Istatwa tal-Kunċizzjoni fil-knisja ta' B'Kara u jagħmlu festa liturġika hemmhekk.

## IL-PELLEGRINAĠĠ

Fl-1943 l-attakki bdew jiħfiefu, xi nies bdew jiġu lura lejn djarhom u fit-8 ta' Settembru ċediet l-Italja. Għalhekk il-kapitlu ddeċieda li jwettaq il-wegħda tal-Pellegrinaġġ: **il-ġurnata magħżula kienet il-Ħadd 19 ta' Novembru 1944:** data li għandha tkun stampata fil-qalb ta' kull Bormliż.

Il-knisja ta' B'Kara kienet maħnuqa bin-nies. Hekk kif spiċċat il-quddiesa, il-Prepostu ta' B'Kara għamel diskors ħelu ħafna li għalih wieġeb l-Arċipriet ta' Bormla Dun Dumink Cutajar.

## F'BIRKIRKARA

Fis-siegħa preċiżi ta' wara nofsinnhar, f'xemx tiżreġ, tfaċċat tiddi u tlellex l-Istatwa sabiħa ta' Marija fil-bieb tal-knisja ta' Birkirkara. Il-poplu nfexx f'dellirju ta' ferħ u entużjażmu kbir. Il-Bormliżi bdew jgħajtu "Viva l-Immakulata" u l-Karkariżi, kommossi u bid-dmugħ f'għajnejhom bdew iħarsu lejn il-Madonna u jgħidulha "Ibqa', ibqa', kemm inti sabiħa, ibqa' magħna".

**Xena li jiena ma ninsiha qatt.** Fost tant ferħ, kollha flimkien mal-baned ta' B'Kara kulħadd beda jkanta l-Ave Marija. Wara ftit minuti, ħareġ mill-knisja **l-Kwadru ta' l-Kor** fost kant sabiħ tas-Salve Regina.

M'huwiex possibbli li niddeskrivi pass b'pass dan il-Pellegrinaġġ. Biżżejjed ngħidu li minn kull fejn għaddiet il-Madonna kellha laqgħa tassew sabiħa, devota u ħierġa mill-qalb. Il-Pellegrinaġġ għadda minn Fleur de Lys, Santa Venera, il-Ħamrun, Blata l-Bajda, il-Marsa u Raħal Ġdid.

Ħadu sehem eluf ta' nies, mhux biss minn Bormla iżda minn Malta kollha; jingħad li b'kollox kien hemm madwar 40,000 ruħ. Ħadu sehem flimkien mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, iż-żewġ Baned ta' Birkirkara, iż-żewġ Baned tal-Ħamrun, ta' Raħal Ġdid, Duke of Edinburgh tal-Birgu, Marija Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, kif ukoll rappreżentanti tal-Baned kollha ta' Malta.

## F'SANTA VENERA

Xena li ma ninsa qatt hija meta l-Madonna waslet quddiem l-Isptar ta' Cini, St. Venera; hemm ħarġu l-morda barra fuq il-bankina waqt li xi ħadd fuq Loud Speaker beda jsemma l-ħin kollu b'ħeġġa nvokazzjonijiet "Mulejja aħna nħobbuk, Marija Immakulata itlob għalina, Marija għamel li jiena nara, Marija għamel li jiena nisma', Mulejja agħmel li jiena nimxi".

Il-vuċi tas-Sur Schembri bikkiet eluf ta' nies. Fit-twieqi ta' l-Isptar kien hemm it-

tfal tal-morda. Dawk l-ommijiet bit-tfal immankati f'idejhom; tfal boloh; tfal bla saħħa, tfal bil-paraliżi, bit-tfal immankati jitolbu x'ħin tgħaddi l-Madonna minn ħdejhom, jitolbu il-miraklu.

Il-miraklu ma ħaduhx imma ħadu konsolazzjoni, il-konsolazzjoni tal-fidi u ta' l-imħabba f'qalbhom. U kont tarahom rassenjati u qalb il-biki ta' l-ommijiet, it-talb u biki tat-tfal morda kont tisma kant ħelu tat-tfal tal-M.U.S.E.U.M u ta' l-Istitut ta' Cini. Nistħi ngħid li bkejt bħal tarbija. Min ma bekiex? Min ma kkomoviex ruħu?

Rajt irġiel mgħola hawn bid-dmugħ nieżel ma' wiċċhom. Rajt spetturi tal-pulizija jigdmu xufftejhom biex iżommu d-dmugħ. Kemm għandna għax nirringrazzjaw l-Alla li tana saħħitna u s-saħħa ta' wliedna.



**Il-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni quddiem il-Każin San Gejtanu tal-Ħamrun waqt il-pellegrinaġġ li kien sar fid-19 ta' Novembru, 1944.**

## FIL-ĦAMRUN U F'BORMLA

Il-Ħamrun kellha laqgħa stupenda. Is-Sur G. Schembri, Segretarju tal-M.U.S.E.U.M. indirizza lill-Madonna b'invokazzjonijiet devoti. Minn kull fejn għaddiet il-Madonna kienet milqugħa bid-daqq tal-qniepen, ferħ u ċapċip, devozzjoni u entużjażmu kbir. Numru kbir ta' saċerdoti u sorijiet akkumpanjaw lill-Madonna.

Ħadu sehem ukoll rappreżentatni politiċi, il-Boy Scouts, Girl Guides, Stakkamenti tal-Pulizija, kif ukoll l-R.M.A. u l-K.O.M.R. **Żgur li din il-ġrajja tibqa' msemmija fl-istorja ta' Bormla.** Fit-8 ta' filgħaxija l-Pellegrinaġġ wasal ħdejn il-Mina ta' Għajn Dwieli fejn kien hemm skrizzjoni li tgħid "BORMLA FERĦANA TILQA' LIL OMMHA".

L-istatwa fl-aħħar daħlet fil-knisja fid-9.00 p.m. fost il-kant tas-Salve Regina, fost ferħ, ċapċip u entużjażmu kbir. Wara Monsinjur Isqof Emm. Galea ta l-Benedizzjoni Sagramentali. B'tifkira ta' dan il-Pellegrinaġġ twaħħlu mall-faċċata tal-knisja tagħna żewġ Lapidi magħmula miz-ziju tiegħi, il-marmista **Feliċ Buhagiar.**

## EGĦLUQ

J'Alla dawn il-festi speċjali li qed nagħmlu biex infakkru dan il-Pellegrinaġġ jkabbru fina iktar devozzjoni vera li dejjem kellna lejn Marija Immakulata.

J'Alla dawn il-festi speċjali waqt li fl-istess ħin infakkru wkoll id-devozzjoni speċjali li missirijietna dejjem kellhom lejn il-Madonna, insibu mħabba vera u sinċiera lejn din l-Omm li dejjem ħarsitna, indukratna u għenitna f'kull twegħir u għawġ li kellna.

O Marija Immakulata, kun l-għaxqa tagħna
Int Omm tagħna, Int il-Patruna tagħna,
Int il-Ħarsien tagħna. Aħna l-Bormliżi
O Madonna Immakulata, konna għadna u nittama
li nibqgħu għeżież uliedek.
Aħna O Marija, konna għadna u nittama li nibqgħu nemmnu li
MARIJA IMMAKULATA DEJJEM THARISNA.